MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 185/2013

**Anne Marie Vassallo**
**( ID 460867M )**
**vs**

**Jason James Vassallo**
**(ID 35568M )**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Gunju 2013 fejn l-attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef, tmien mija u tnejn u disghin Euro u tmenin centezmu (€7,892.80) rapprezentanti manteniment dovut ghal uliedhom Jeanine u leanne skond kuntratt ta' separazzjoni iffirmat fil 15 ta' Mejju 2003, u li taghhom baqa' inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet u ordnijiet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qortit a' Gudikatura Kriminali kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Mandat ta’ Sekwestru u bl-imghax skond il-Ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gie notifikat lill-konvenut fis-6 ta’ Lulju 2013 u dan skond ir-riferti posittivi tal-Purtier Mario Mizzi datat 16 ta’ Lulju 2013 (fol 10).

Illi fis-seduta tal-4 ta’ Ottubru, 2013 l-attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tas 7 ta’ Ottubru, 2013 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur ta’ l-attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ sebat elef, tmien mija u tnejn u disghin Euro u tmenin centezmu (€7,892.80) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali mid-data meta tali pagamenti kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------